MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1269/2005

**Citadel Insurance plc (C-21550)
vs
Charmaine Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), dovuti mill-istess konvenuta lis-socjeta` attrici bhala « excess » skond il-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni mahruga fuq ordni tal-istess konvenuta u li tkopri l-vettura JST-100, proprjeta` ta l-konvenuta wara li din kienet involuta f'incident awtomobilistiku nhar il-21 ta' Lulju, 2004.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni..**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 ta' Jannar, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mis-27 ta' Dicembru, 2005, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez ghall-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------